KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-28 ta' Mejju 2020[1]

Kawża C-49/19

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika Portugiża

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 2002/22/KE – Komunikazzjonijiet elettroniċi – Finanzjament tal-obbligi ta' servizz universali – Mekkaniżmu ta' tqassim – Prinċipji ta' trasparenza, ta' distorsjoni minima tas-suq, ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità"

I. Introduzzjoni

1. Id-Direttiva 2002/22/KE[2] għandha l-għan li "jinħoloq qafas regolatorju armonizzat li jiggarantixxi l-provvista ta' servizz universali, jiġifieri sett minimu ta' servizzi partikolari lill-utenti finali kollha bi prezz li jista' jintlaħaq"[3], u tirrifletti l-importanza tal-aċċess għal kulħadd għal ċerti servizzi essenzjali fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet. Għalhekk, l-obbligi ta' servizz universali stabbiliti b'din id-direttiva huma intiżi sabiex itaffu ċerti effetti negattivi li l-liberalizzazzjoni tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet jista' jkollha fuq ċerti żoni ġeografiċi jew fuq ċerti persuni fl-Unjoni Ewropea, li nkella jiġu mċaħħda minn aċċess għal servizzi indispensabbli[4].

2. Sabiex jiżguraw il-provvista ta' dawn is-servizzi essenzjali, l-Istati Membri jistgħu jinkarigaw impriża waħda jew iktar bil-provvista tas-servizz universali. Madankollu, f'ċerti ċirkustanzi, dawn l-obbligi ta' servizz universali jistgħu jiġu fornuti biss b'telf min-naħa tal-impriżi li huma inkarigati minnhom, jew bi spiża netta li taqbeż il-kundizzjonijiet normali ta' użu kummerċjali[5]. F'sitwazzjoni bħal din, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' finanzjament ta' dawn l-ispejjeż marbuta mal-obbligi ta' servizz universali. Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2002/22, dawn għandhom żewġ soluzzjonijiet: l-użu ta' fondi pubbliċi sabiex jikkumpensaw lill-fornitur responsabbli mis-servizz universali għall-piż li huwa jsostni, jew l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż netti marbuta mas-servizz universali, li għalih jikkontribwixxu l-operaturi differenti tat-telekomunikazzjonijiet. Ir-Repubblika Portugiża għażlet din it-tieni soluzzjoni.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva "Servizz Universali") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367).

3 Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2008, Il-Kummissjoni vs Franza (C-220/07, mhux ippubblikata, EU:C:2008:354, punt 28).

4 Slautsky, E., "Financement du service universel des communications électroniques et autonomie nationale: quelques enseignements récents de la jurisprudence de la Cour de justice de l'Union", *Cahiers de droit européen*, 2016, vol. 52, Nru 3, p. 886.

5 Premessa 18 tad-Direttiva 2002/22. Ara wkoll E. Slautsky, *op. cit.*

3. Madankollu, il-mekkaniżmu ta' tqassim previst mir-Repubblika Portugiża jippreżenta partikolarità. Fil-fatt, dan il-mekkaniżmu jipprevedi partikolarment l-istabbiliment ta' kontribuzzjoni straordinarja intiża sabiex tikkumpensa għall-ispejjeż marbuta mas-servizz universali sostnuti qabel il-ħolqien tal-mekkaniżmu ta' tqassim. Hija l-kompatibbiltà ta' din il-partikolarità mal-Artikolu 13(3) u mat-Taqsima B tal-Anness IV tad-Direttiva 2002/22 li hija kkontestata mill-Kummissjoni Ewropea, minħabba li tqis li l-kontribuzzjoni straordinarja inkwistjoni ma tosservax ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfatti minn mekkaniżmu ta' tqassim, kif previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet, jiġifieri l-prinċipji ta' trasparenza, ta' proporzjonalità, ta' distorsjoni minima tal-kompetizzjoni u ta' nondiskriminazzjoni.

4. Permezz ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni għalhekk titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, billi stabbilixxiet kontribuzzjoni straordinarja għat-tqassim tal-ispiża netta marbuta mal-obbligi ta' servizz universali mis-sena 2007, konformement mal-Lei nº 35/2012 do Fundo de Compensação do Serviço Universal (il-Liġi Nru 35/2012 dwar il-Fondi ta' Kumpens tas-Servizz Universali), tat-23 ta' Awwissu 2012[6], fil-verżjoni tagħha applikabbli għal din il-kawża, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 13(3), u t-Taqsima B tal-Anness IV tad-Direttiva 2002/22.

5. Għalhekk, din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tippreċiża l-portata tar-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfatti minn mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż netti marbuta mas-servizz universali.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

6. Il-premessi 18 sa 21 u 23 tad-Direttiva 2002/22 jipprovdu:

"(18) L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jistabbilixxu mekkaniżmi għall-iffinanzjar ta' l-ispiża netta ta' obbligi ta' servizz universali fil-każi fejn jintwera li l-obbligi jistgħu biss jiġu fornuti b'telf jew bi spiża netta li jaqgħu barra li-*standards* kummerċjali normali. Huwa mportanti li jiġi assigurat li l-ispiża netta ta' obbligi ta' servizz universali tiġi kkalkolata kif imiss u li kull iffinanzjar jitwettaq b'distorsjoni minima għas-suq u għall-impriżi, u jkun kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli [107 u 108 TFUE].

(19) Kull kalkolu ta' spiża netta ta' servizz universali għandu jieħu kont debitu ta' l-ispejjeż u d-dħul, kif ukoll tal-benefiċċji ntanġibbli li jirriżultaw mill-forniment tas-servizz universali, iżda m'għandux ifixkel l-għan ġenerali li jiġi assigurat li l-istrutturi tal-prezzijiet jirriflettu l-ispejjeż. Kull spiża netta ta' obbligi ta' servizz universali għandha tiġu [tiġi] kalkolata fuq il-bażi ta' proċeduri trasparenti.

(20) Li jittieħed kont tal-benefiċċji ntanġibbli tfisser li estimu f'termini monteraji, tal-benefiċċji indiretti li mpriża tikseb minħabba l-pożizzjoni tagħha bħala fornitur ta' servizz universali, għandu jitnaqqas mill- ispiża netta diretta ta' l-obbligi ta' servizz universali sabiex jiġi stabbilit il-piż globali ta' l-ispiża.

(21) Meta obbligu ta' servizz universali jirrappresenta piż inġust fuq impriża, huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi għall-irkupru effiċjenti ta' l-ispejjeż netti. L-irkupru permezz ta' fondi pubbliċi jikkostitwixxi metodu wieħed ta' rkupru ta' l-ispiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali. Huwa wkoll raġonevoli li l-ispejjeż netti stabbiliti jiġu rkuprati

6 *Diário da República*, l-ewwel serje, Nru 163, tat-23 ta' Awwissu 2012

mill-utenti kollha b'mod trasparenti permizz ta' mposti fuq l-impriżi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiffinanzjaw l-ispejjeż netti ta' elementi differenti ta' servizz universali permezz ta' mekkaniżmi differenti, u/jew li jiffinanzjaw ta' l-ispejjeż netti [li jiffinanzjaw l-ispejjeż netti] ta' xi wħud mill-elementi jew kollha minn xi wieħed mill-mekkaniżmi jew minn kombinazzjoni tat-tnejn. Fil-każ ta' l-irkupru ta' l-ispejjeż permezz ta' mposti fuq l-impriżi, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li dak il-metodu ta' allokazzjoni bejniethom huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u huwa skond il-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan il-prinċipju ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jeżentaw operaturi ġodda li ma jkunux għadhom kisbu xi presenza sinjifikani fis-suq. Kull mekkaniżmu ta' ffinanzjar għandu jassigura li l-parteċipanti fs-suq jikkontribwixxu biss għall-iffinanzjar ta' obbligi ta' servizz universali u mhux għal attivitajiet oħra li m'humiex direttament marbuta mal-forniment ta' obbligi ta' servizz universali. Il-mekkaniżmi ta' l-irkupru għandhom fil-każi kollha jirrispettaw il-prinċipji tal-liġi tal-Komunità, u b'mod partikolari fil-każ ta' mekkaniżmi ta' qsim dawk tan-non-diskriminazzjoni u l-proporzjonalità. Kull mekkaniżmu ta' l-iffinanzjar għandu jassigura li l-utenti fi Stat Membru wieħed ma jikkontribwixxux għall-ispejjeż ta' servizz universali fi Stat Membru ieħor, per eżempju meta jsiru sejħiet minn Stat Membru għall-ieħor.

[…]

(23) L-ispiża netta ta' obbligi ta' servizz universali jista' jinqasam bejn l-impriżi kollha jew ċerti klassijiet speċifikati tagħhom. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-mekkaniżmu tal-qsim jirrispetta il-prinċipji tat-trasparenza, l-anqas distorsjoni tas-suq, non-diskriminazzjoni u l-proporzjonalità. L-anqas distorsjoni tas-suq tfisser li l-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu rkuprati b'mod li sa fejn hu possibbli jimminimizza l-impatt li l-piż finanzjarju [jimminimizza l-impatt tal-piż finanzjarju] li jaqa' fuq l-utenti finali, per eżempju billi jitqassmu l-kontribuzzjonijiet fl-aktar firxa wiesa' possibbli."

7. L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/22, intitolat "Stima ta' l-ispejjeż ta' obbligi ta' servizz universali", jipprevedi li:

"1. Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jqiesu li forniment ta' servizz universali kif stipulat fl-Artikoli 3 sa 10 jista' jirrappresenta piż inġust fuq impriżi maħtura biex ifornu servizz universali, għandhom jikkalkolaw l-ispejjeż netti tal-forniment tiegħu.

Għal dak l-iskop l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom:

a) jikkalkolaw l-ispiża netta ta' l-obbligu tas-servizz universali, waqt li jieħdu kont ta' xi benefiċċju tas-suq li jingħema għal impriża maħtura biex tipprovdi servizz universali, skond l-Anness IV, Taqsima A; jew

b) jagħmlu użu ta' l-ispejjeż netti għall-forniment tas-servizz universali identifikat minn mekkaniżmu magħżul skond l-Artikolu 8(2).

2. Il-kontabilità u/jew informazzjoni oħra li sservi bħala bażi għall-kalkolu ta' l-ispiża netta ta' obbligi ta' servizz universali taħt il-paragrafu 1 (a) għandhom jiġu awditjati jew verifikati mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew korp indipendenti mill-partijiet relevanti u approvat mill-awtorità regolatorja nazzjonali. Ir-riżultat tal-kalkolu ta' l-ispejjeż u l-konklużjonijiet tal-verifika għandhom jintgħamlu [isiru] pubblikament disponibbli."

8. L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/22, intitolat "Iffinanzjar ta' obbligi ta' servizz universali", jipprovdi li:

"1. Fejn, fuq il-bażi tal-kalkolu ta' l-ispejjeż netti msemmija fl-Artikolu 12, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jsibu li mpriża hija suġġetta għal piż inġust, l-Istati Membri għandhom, fuq talba minn impriża maħtura, jiddeċiedu:

(a) li jintroduċu mekkaniżmu biex jikkumpensaw lil dik l-impriża għall-ispiża netta stabbilita taħt kondizzjonijiet trasparenti minn fondi pubbliċi; u/jew

(b) jaqsmu l-ispiża netta ta' l-obbligu tas-servizz universali bejn il-fornituri ta' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

2. Fejn l-ispiża netta tinqasam taħt il-paragrafu 1 (b), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' qsim amministrat mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew korp indipendenti mill-benefiċjarji taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali. L-ispiża netta biss, kif stabbilita taħt l-Artikolu 12, ta' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 10 tista' tiġi ffinanzjata.

3. Il-mekkaniżmu tal-qsim għandu jirrispetta l-prinċipji tat-trasparenza, l-anqas distorsjoni tas-suq, non-diskriminazzjoni u proporzjonalità skond il-prinċipji ta' l-Anness IV, Taqsima B. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jeħtieġux kontribuzzjonijiet minn impriżi li l-valur tal-bejgħ nazzjonali tagħhom ikun anqas minn limitu ffissat.

4. Kull ħlasijiet relatati mal-qsim ta' l-ispiża ta' obbligi ta' servizz universali għandhom jiġu disassoċċjati u identifikati separatament għal kull impriża. Dawk il-ħlasijiet m'għandhomx ikunu mposti jew miġbura minn impriżi li ma jfornux servizzi fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun stabbilixxa l-mekkaniżmu tal-qsim."

9. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2002/22, intitolat "Trasparenza", jipprovdi li:

"1. Fejn il-mekkaniżmu għall-qsim ta' l-ispiża netta [għall-qsim tal-ispiża netta] ta' l-obbligi ta' servizzi universali kif imsemmi fl-Artikolu 13 jiġi stabbilit, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jassiguraw li l-prinċipji għall-qsim ta' l-ispiża, u d-dettalji tal-mekkaniżmu wżat, jkunu pubblikament disponibbli.

2. Bla ħsara għar-regoli tal-Komunità u nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jassiguraw li rapport ta' kull sena jiġi ppublikat li jagħti l-ispiża kalkolata ta' l-obbligi tas-servizz universali, waqt li jidentifika l-kontribuzzjonijiet magħmula mill-impriżi kollha nvoluti, u jidentifika kull benefiċċju tas-suq, li jistgħu jkun [jkunu] inġemgħu għall-impriża/i maħtura biex ifornu servizz universali, fejn fond ikun attwalment stabbilit u jaħdem."

10. Skont it-Taqsima B tal-Anness IV tad-Direttiva 2002/22:

"L-irkupru jew l-iffinanzjar ta' kull spiża netta ta' obbligi ta' servizz universali jeħtieġ li mpriżi maħtura b'obbligi ta' servizz universali jiġu kumpensati għas-servizzi li jfornu taħt kondizzjonijiet mhux kummerċjali. Minħabba li dak il-kumpens jinvolvi trasferimenti finanzjarji, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li dawn jitwettqu b'mod oġġettiv, trasparenti, mhux diskriminatorju u proporzjonat. Dan ifisser li t-trasferimenti jirriżultaw fl-anqas distorsjoni ta' kompetizzjoni u tad-domanda ta' l-utent.

Skond l-Artikolu 13(3), mekkaniżmu ta' qsim ibbażat fuq fond għandu juża mezzi trasparenti u newtrali għall-ġbir ta' kontribuzzjonijiet li jevitaw il-perikolu ta' impozizzjon doppja ta' kontribuzzjonijiet li jaqgħu kemm fuq l — *outputs* [fuq l-outputs] u fuq l-*inputs* ta' l-impriżi.

Il-korp indenpendenti li jamministra l-fond għandu jkun responsabbli għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet minn impriżi li huma stmati bħala li għandhom l-obbligu li jikkontribwixxu għall-ispiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali fl-Istat Membru u għandu jissorvelja it-trasferiment tas-somom dovuti u/jew ħlasijiet amministrattivi lill-impriżi ntitolati li jirċievu l-ħlasijiet minn dak il-fond."

B. Id-dritt Portugiż

11. Il-Lei nº 5/2004 das Comunicações Eletrónicas (il-Liġi Nru 5/2004 dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi), tal-10 ta' Frar 2004[7], kif emendata l-aħħar bid-Decreto-Lei nº 92/2017 (id-Digriet-Liġi Nru 92/2017), tal-31 ta' Ġunju 2017[8] (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 5/2004"), ħassret id-Decreto-Lei nº 458/99 (id-Digriet-Liġi Nru 458/99), tal-5 ta' Novembru 1999[9] u ttrasponiet id-Direttiva 2002/22 fl-ordinament ġuridiku Portugiż.

12. L-Artikolu 97 tal-Liġi Nru 5/2004 jipprevedi li:

"1. Wara li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' spejjeż netti marbuta mas-servizz universali kkunsidrati bħala eċċessivi mill-awtorità regolatorja nazzjonali, il-gvern għandu, fuq talba tal-fornituri rispettivi, jistabbilixxi kumpens adegwat permezz ta' wieħed miż-żewġ mekkaniżmi jew permezz taż-żewġ mekkaniżmi li ġejjin:

a) ġbir minn fondi pubbliċi;

b) tqassim tal-ispiża bejn l-impriżi l-oħrajn li jipprovdu, fit-territorju nazzjonali, networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Meta jiġi applikat il-mekkaniżmu previst fil-punt b) tal-paragrafu preċedenti, għandu jiġi stabbilit fond ta' kumpens, li fih jikkontribwixxu l-impriżi li jipprovdu networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku, amministrat mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew minn organu indipendenti ieħor magħżul mill-gvern u mqiegħed taħt is-superviżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali.

3. Il-kriterji għat-tqassim tal-ispiża netta tas-servizz universali bejn l-impriżi li għandhom jikkontribwixxu huma ddefiniti mill-gvern, fl-osservanza tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' distorsjoni minima tas-suq, ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

[…]"

13. Il-Liġi Nru 35/2012 stabbilixxiet fond ta' kumpens tas-servizz universali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi sabiex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż netti li jirriżultaw mill-osservanza tal-obbligi ta' servizz universali u sabiex jiġi ggarantit it-tqassim ta' dawn l-ispejjeż bejn l-impriżi li għandhom jikkontribwixxu fih.

14. L-Artikolu 1 ta' din il-liġi, li jidentifika l-għan tagħha, jipprevedi l-ħolqien tal-fond ta' kumpens tas-servizz universali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi msemmi fl-Artikolu 97(2) tal-Liġi Nru 5/2004, u l-iffissar tal-kriterju ta' tqassim tal-ispejjeż netti marbuta ma' dan is-servizz bejn l-impriżi li għandhom jikkontribwixxu.

7 *Diário da República*, l-ewwel serje, Nru 34, tal-10 ta' Frar 2004.

8 *Diário da República*, l-ewwel serje, Nru 146, tal-31 ta' Lulju 2017.

9 *Diário da República*, l-ewwel serje, Nru 258, tal-5 ta' Novembru 1999.

15. Skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi Nru 35/2012, "il-fond ta' kumpens għandu, fil-funzjonament tiegħu, josserva l-prinċipji ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni, ta' proporzjonalità u ta' distorsjoni minima tas-suq".

16. L-Artikolu 6 ta' din il-liġi jipprevedi li:

"Il-fond ta' kumpens iservi sabiex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż netti tas-servizz universali ddeterminati fil-kuntest tal-proċeduri ta' sejħa għal offerti msemmija fl-Artikolu 99(3) tal-Liġi Nru 5/2004 […], emendata u kkonsolidata bil-Liġi Nru 51/2011 tat-13 ta' Settembru 2011, u kkunsidrati bħala eċċessivi mill-Autoridade Nacional de Comunicações [l-Awtorità Nazzjonali tal-Komunikazzjonijiet, l-"Anacom")] konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 95(1)(b), u tal-Artikolu 97 tal-istess liġi, kif ukoll sabiex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż netti tas-servizz universali msemmija fil-Kapitolu V."

17. L-Artikolu 17 tal-imsemmija liġi, intitolat "Finanzjament tal-ispejjeż netti għall-perijodu qabel l-għażla permezz ta' sejħa għal offerti", jipprovdi li:

"1. Il-fond ta' kumpens stabbilit b'din il-liġi għandu wkoll jippermetti l-kumpens għall-ispejjeż netti tas-servizz universali sostnuti sal-bidu tal-provvista tas-servizz universali mill-fornitur jew mill-forniturі ta' servizzi magħżula konformement mal-Artikolu 99(3) tal-Liġi Nru 5/2004 […], emendata u kkonsolidata bil-Liġi Nru 51/2011, tat-13 ta' Settembru 2011, skont il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

a) l-eżistenza ta' spejjeż netti tiġi stabbilita wara verifika u dawn l-ispejjeż huma kkunsidrati bħala eċċessivi mill-[Anacom] skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 95(1)(a), tal-Artikolu 95(2), u tal-Artikoli 96 u 97 tal-Liġi Nru 5/2004 […], kif emendata u kkonsolidata bil-Liġi Nru 51/2011 tat-13 ta' Settembru 2011;

b) il-fornitur tas-servizz universali jitlob lill-gvern kumpens għall-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu preċedenti.

2. L-ammont tal-ispejjeż netti li għandhom jiġu kkumpensati għall-perijodu ta' qabel l-għażla wara sejħa għal offerti jikkorrispondi għall-ammont li jiġi approvat mill-[Anacom], skont it-termini previsti fil-paragrafu preċedenti (a)".

18. L-Artikolu 18(1) tal-istess liġi jipprevedi li "[l]-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet u/jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku fit-territorju nazzjonali għandhom iħallsu kontribuzzjoni straordinarja lill-fondi ta' kumpens għal kull sena finanzjarja 2013, 2014 u 2015. Din il-kontribuzzjoni straordinarja hija esklużivament intiża sabiex tiffinanzja l-ispejjeż netti msemmija fl-artikolu preċedenti, approvati mill-[Anacom] matul dawn is-snin".

19. Konformement mal-Artikolu 18(5) tal-Liġi Nru 35/2012, il-"kontribuzzjoni straordinarja msemmija fil-paragrafu 1 tirrappreżenta 3 % tad-dħul mill-bejgħ annwali eliġibbli ta' kull entità, fl-osservanza tal-limiti ffissati fil-punti li ġejjin".

20. Skont l-Artikolu 18(6) ta' din il-liġi, l-"ammont tal-kontribuzzjoni straordinarja li kull impriża għandha tħallas qatt ma jista' jaqbeż il-valur li jirriżulta mit-tqassim tal-ispejjeż netti msemmi fl-Artikolu 17(2), mill-impriżi li għandhom l-obbligu li jikkontribwixxu, proporzjonalment għad-dħul mill-bejgħ eliġibbli tagħhom".

21. Skont l-Artikolu 20 tal-imsemmija liġi, l-ammont tal-kontribuzzjoni straordinarja li jikkorrispondi għal kull sena finanzjarja jista' jitħallas matul perijodu ta' ħames snin.

III. Dak li wassal għall-kawża

A. Il-fatti li wasslu għall-kawża

22. Permezz tad-Decreto-Lei n.° 31/2003 (id-Digriet-Liġi Nru 31/2003) tas-17 ta' Frar 2003, li emenda l-bażijiet tal-konċessjoni tas-servizz pubbliku ta' telekomunikazzjonijiet fil-Portugall, il-kumpannija PT Comunicações (iktar 'il quddiem "PTC") intgħażlet bħala fornitur tas-servizz universali sal-2025.

23. Bħala fornitur tas-servizz universali, PTC ippreżentat f'diversi drabi xi stimi tal-ispejjeż netti tas-servizz universali, kif ukoll talbiet għal kumpens għal marġini negattivi għas-snin 1996 sa 1999, 2000, u sussegwentement għas-snin 2001, 2002, u 2003. Madankollu, l-Anacom ċaħdet dawn id-diversi talbiet għal kumpens.

24. Wara l-adozzjoni tal-Liġi Nru 5/2004 u wara talba ta' PTC imressqa f'Lulju 2007, l-Anacom adottat, fid-9 ta' Ġunju 2011 u wara proċedura ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u ta' smigħ minn qabel tal-persuni kkonċernati, żewġ riżoluzzjonijiet li jippreċiżaw, minn naħa waħda, il-kunċett ta' "piż eċċessiv" fis-sens tal-Artikolu 97 tal-Liġi Nru 5/2004 u, min-naħa l-oħra, il-metodoloġija li għandha tintuża għall-kalkolu tal-ispejjeż netti tas-servizz universali.

25. Fuq il-bażi ta' dan, l-Anacom qieset li l-provvista tas-servizz universali minn PTC sal-2006 ma kinitx tikkostitwixxi piż eċċessiv. Barra minn hekk, l-Anacom iddeċidiet li tapplika l-metodoloġija ta' kalkolu tal-ispejjeż netti tas-servizz universali approvata, għall-perijodu ta' wara l-1 ta' Jannar 2007 u sakemm il-fornitur jew il-fornituri tas-servizz universali magħżula b'sejħa għal offerti jibdew il-provvista ta' dan is-servizz.

26. Għalhekk, ġiet adottata l-Liġi Nru 35/2012 li tippermetti l-ħolqien tal-fond ta' kumpens tas-servizz universali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li jimplika l-implimentazzjoni ta' kontribuzzjoni straordinarja sabiex jiġi permess il-kumpens għall-ispejjeż netti sostnuti minn PTC qabel l-għażla permezz ta' sejħa għal offerti.

27. Skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Anacom u tal-Liġi Nru 35/2012, u wara l-preżentazzjoni tal-istimi korrispondenti minn PTC, l-ispejjeż netti tas-servizz universali għall-perijodu mis-sena 2007 sas-sena 2009 ġew ikkontrollati u l-ammont finali ġie approvat mill-Anacom fid-19 ta' Settembru 2013. L-ispejjeż netti għall-2010 u l-2011 ġew approvati fl-20 ta' Novembru 2014, filwaqt li, matul is-sena 2015, l-Anacom adottat deċiżjoni finali dwar ir-riżultati tal-verifika relatata mal-ispejjeż netti għas-snin 2012 u 2013.

28. Sussegwentement, fi tliet deċiżjonijiet oħrajn, l-Anacom identifikat l-entitajiet li għandhom jikkontribwixxu fil-fond ta' kumpens tas-servizz universali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u ffissat l-ammont tal-kontribuzzjonijiet straordinarji relatati mal-ispejjeż netti tas-servizz universali li kellhom jiġu kkumpensati għall-perijodi mill-2007 sal-2009, mill-2010 sal-2011, u mill-2012 sal-2013.

29. Għalhekk, il-kontribuzzjonijiet straordinarji tas-snin 2013, 2014 u 2015 kienu intiżi sabiex jikkumpensaw għall-ammont finali tal-ispejjeż netti, rispettivament, tas-snin finanzjarji 2007, 2008 u 2009, tas-snin finanzjarji 2010 u 2011, u tas-snin finanzjarji 2012 u 2013.

30. Fl-istess ħin, ir-Repubblika Portugiża nediet tliet sejħiet għal offerti sabiex tagħżel l-operatur jew l-operaturi li jintgħażlu bħala fornitur(i) tas-servizz universali, u ntgħażlu operaturi ġodda bħala fornituri tas-servizz universali fir-rigward tal-konnessjoni ma' netwerk pubbliku ta' komunikazzjonijiet f'lok fiss u l-provvista ta' servizzi telefoniċi aċċessibbli għall-pubbliku. Min-naħa tagħha, PTC intgħażlet għall-provvista tas-servizz universali ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' telefons bi ħlas fit-territorju

nazzjonali[10]. Il-kuntratti ma' dawn l-operaturi daħlu fis-seħħ mhux iktar tard mill-1 ta' Ġunju 2014, data li fiha l-kuntratt preċedenti ta' konċessjoni tas-servizz universali konkluż ma' PTC ma baqax fis-seħħ.

B. Il-proċedura prekontenzjuża

31. Fit-13 ta' Diċembru 2012, permezz tas-sistema EU Pilot, il-Kummissjoni bagħtet ittra lir-Repubblika Portugiża li fiha talbet kjarifiki dwar il-kompatibbiltà tal-fond ta' kumpens tas-servizz universali, previst mil-Liġi Nru 35/2012, mal-Artikolu 13 u mat-Taqsima B tal-Anness IV tad-Direttiva 2002/22, partikolarment fir-rigward tal-kumpens għall-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali, PTC, fil-passat u matul perijodu qabel l-għażla ġdida tagħha permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti bħala fornitur tas-servizz universali.

32. Fil-21 ta' Frar 2013, l-awtoritajiet Portugiżi wieġbu għal din it-talba. Huma pprovdew informazzjoni addizzjonali waqt laqgħa mad-dipartimenti tal-Kummissjoni li saret fit-23 ta' Ottubru 2014, u sussegwentement permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2014.

33. Fis-27 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Portugiża. Fir-risposta tagħhom tad-29 ta' April 2015, l-awtoritajiet Portugiżi sostnew li l-leġiżlazzjoni Portugiża u l-implimentazzjoni tagħha kellhom jiġu kkunsidrati bħala kompatibbli mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2002/22 u, b'mod iktar partikolari, mal-prinċipji ta' trasparenza, ta' distorsjoni minima tas-suq, ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

34. Wara li eżaminat din ir-risposta, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Portugiża permezz ta' ittra tad-29 ta' April 2016, fejn stiednet lil dan l-Istat Membru jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-opinjoni motivata f'terminu ta' xahrejn minn meta jirċeviha.

35. L-awtoritajiet Portugiżi rrispondew għall-opinjoni motivata permezz ta' ittra tal-1 ta' Lulju 2016 u kkompletaw din ir-risposta permezz tat-tieni ittra tal-14 ta' Ottubru 2016 li saret wara laqgħa mad-dipartimenti tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2016. L-awtoritajiet Portugiżi pprovdew lill-Kummissjoni informazzjoni ġdida relatata mal-proċeduri ta' smigħ tal-operaturi u mal-kawżi fil-qasam inkwistjoni, mad-data dwar il-perċentwali tal-ammont tal-kontribuzzjoni meta mqabbel mad-dħul mill-bejgħ tal-operaturi u tas-settur, mal-operaturi preżenti fis-suq matul is-sena 2007 meta mqabbla mas-sitwazzjoni fis-seħħ, u mal-istadju tal-ħlas tal-kontribuzzjoni straordinarja.

36. Saru żewġ laqgħat oħra bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Portugiżi fix-xahar ta' Jannar u ta' Lulju 2017. F'din l-aħħar laqgħa ġew eżaminati diversi soluzzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima bejn il-partijiet. Sussegwentement, il-Kummissjoni talbet li tintbagħtilha proposta ta' soluzzjoni, flimkien mal-indikazzjoni ta' terminu ta' eżekuzzjoni. F'żewġ ittri tal-14 ta' Marzu 2017 u tat-12 ta' Settembru 2018, l-awtoritajiet Portugiżi, minn naħa waħda, ipproponew l-organizzazzjoni ta' laqgħa ġdida u, min-naħa l-oħra, irrimarkaw li huma kienu jqisu prudenti li jistennew ir-riżultati tal-proċeduri mibdija minn ċerti operaturi quddiem il-qrati nazzjonali u li kellhom bħala suġġett l-interpretazzjoni tal-Liġi Nru 35/2012 inkwistjoni.

C. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

37. Minħabba li ma qablitx mal-opinjoni tar-Repubblika Portugiża, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors, permezz ta' att tal-25 ta' Jannar 2019.

10 Resolução do Conselho de Ministros n.° 66-A/2013 (ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 66-A/2013 tat-18 ta' Lulju 2013, Diário da República, l-ewwel suppliment, l-ewwel serje, Nru 202, tat-18 ta' Ottubru 2013.

38. Il-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet orali waqt is-seduta li saret fil-11 ta' Marzu 2020.

IV. L-analiżi

39. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-kompatibbiltà tal-kontribuzzjoni straordinarja għat-tqassim tal-ispiża netta marbuta mal-obbligi ta' servizz universali, prevista fl-Artikolu 18 tal-Liġi Nru 35/2012, mal-Artikolu 13 u t-Taqsima B tal-Anness IV tad-Direttiva 2002/22. B'mod iktar preċiż, il-Kummissjoni ssostni li din il-kontribuzzjoni ma tosservax il-prinċipji ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni, ta' distorsjoni minima tas-suq, u ta' proporzjonalità msemmija fid-dispożizzjonijiet preċedenti.

A. Fuq il-prinċipju ta' trasparenza

1. L-argumenti tal-partijiet

40. Il-Kummissjoni ssostni li l-prinċipju ta' trasparenza ma huwiex limitat għall-obbligu ta' pubblikazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' elementi relatati mat-tqassim tal-ispejjeż netti marbuta mas-servizz universali u jmur lil hinn mis-sempliċi rekwiżiti previsti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2002/22 biss.

41. Skont il-Kummissjoni, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-prinċipju ta' trasparenza jkopri wkoll aspetti oħra. Minn naħa waħda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispiża netta tal-obbligi ta' servizz universali jkun konformi mal-prinċipju ta' trasparenza, l-elementi li jippermettu l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu "ffissati konformement ma' kriterji oġġettivi, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi paragunabbli, u għalhekk trasparenti, sabiex dawn l-operaturi jkunu jistgħu jikkalkolaw l-ispejjeż u d-dħul probabbli tagħhom"[11]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni jagħmlu parti integrali mill-prinċipju ta' trasparenza.

42. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ssostni li l-prinċipju ta' trasparenza huwa marbut mal-prinċipju ta' ċertezza legali li huwa jservi sabiex jiggarantixxi, b'tali mod li dan l-ewwel prinċipju jimplika li r-regoli ta' finanzjament tas-servizz universali, li jista' jkollhom effett finanzjarju fuq l-impriżi, ikunu ċari, preċiżi, u prevedibbli fl-effetti tagħhom. B'mod iktar preċiż, il-prinċipju ta' trasparenza, sa fejn għandu jinqara fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali, jimponi li l-persuni kkonċernati għandhom ikunu jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi imposti fuqhom.

43. Ir-Repubblika Portugiża tikkontesta l-interpretazzjoni li tagħmel il-Kummissjoni tal-prinċipju ta' trasparenza, li hija tikklassifika bħala estremista u bħala formalista. Fil-fehma tagħha, il-prinċipju ta' trasparenza huwa garanzija tal-osservanza mill-Istati Membri tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u, għalhekk, jirreferi għall-oġġettività tal-kriterji u għall-paragunabbiltà tal-elementi użati għall-kalkolu tal-ispiża netta tal-obbligi ta' servizz universali, minħabba li l-prevedibbiltà tal-ispejjeż hija konsegwenza ta' dawn l-elementi.

44. Barra minn hekk, skont ir-Repubblika Portugiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jistax jiġi konfuż mal-prinċipju ta' trasparenza. Issa, l-argumenti invokati mill-Kummissjoni jikkonċernaw qabel kollox il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Fil-fatt, l-argument tal-Kummissjoni jirreferi għall-applikazzjoni ta' allegata retroattività tal-kontribuzzjoni straordinarja li tkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali.

11 Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-146/00, EU:C:2001:668, punti 48 u 49).

45. Ir-Repubblika Portugiża tirrimarka, minn naħa waħda, li dan jimplika li l-fornitur tas-servizz universali ma jistax jiġi kkumpensat għall-ispejjeż netti diġà sostnuti, ivverifikati, u approvati mill-Anacom, minkejja li l-irkupru ta' dawn l-ispejjeż huwa previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Portugiża tenfasizza li għandha ssir distinzjoni bejn ir-retroattività apparenti u r-retroattività reali ta' dispożizzjoni. F'dan il-każ, il-Liġi Nru 35/2012 hija biss apparenza retroattiva, sa fejn din tipproduċi l-effetti tagħha skont is-sena ta' clearance tal-ispiża netta tas-servizz universali, jiġifieri perijodu li jinsab wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Issa, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija estremament restrittiva fir-rigward tal-protezzjoni tal-aspettattivi tal-individwi fil-każijiet ta' retroattività apparenti [12], b'tali mod li l-operaturi ma jista' jkollhom l-ebda aspettattiva leġittima fir-rigward tal-mod ta' finanzjament tal-ispejjeż netti tas-servizz universali.

2. Evalwazzjoni

46. Il-Kummissjoni ssostni li l-prinċipju ta' trasparenza għandu jinqara fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali u li dan jimplika li, minbarra obbligu ta' pubblikazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-elementi relatati mal-kalkolu u t-tqassim tal-ispejjeż netti marbuta mas-servizz universali, dan l-ewwel prinċipju jkopri rekwiżiti ta' ċarezza, ta' preċiżjoni u ta' prevedibbiltà. Imfassal b'dan il-mod, il-prinċipju ta' trasparenza ma jiġix osservat minħabba li l-operaturi li għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ispejjeż marbuta mas-servizz universali ma setgħux jipprevedu l-portata tal-obbligi tagħhom qabel l-istabbiliment effettiv tal-kontribuzzjoni straordinarja mil-Liġi Nru 35/2012.

47. Fi kliem ieħor, skont il-Kummissjoni, il-mekkaniżmu stabbilit mir-Repubblika Portugiża jmur kontra l-prinċipju ta' trasparenza sa fejn, qabel l-implimentazzjoni tiegħu, l-operaturi ma setgħux jipprevedu l-portata tal-obbligi tagħhom li kienu ser jirriżultaw minn dan il-mekkaniżmu.

48. Tali soluzzjoni timplika li l-prinċipju ta' trasparenza jkun osservat biss jekk l-operaturi setgħu jkunu jafu, anki qabel l-adozzjoni tal-mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-obbligi marbuta mas-servizz universali, dwar il-portata tal-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmi mekkaniżmu li, madankollu, għadu ma ġiex adottat. Issa, għandu jiġi kkonstatat li dan qatt ma jista' jkun il-każ.

49. Il-prinċipju ta' trasparenza, skont l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2002/22, fir-realtà huwa intiż sabiex japplika biss mill-mument meta jkun jeżisti l-mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż marbuta mas-servizz universali. Għaldaqstant, l-assenza ta' trasparenza ta' mekkaniżmu li kien għadu ma ġiex adottat ma tistax tiġi kkonstatata.

50. F'dan ir-rigward, ftit jimporta li l-ispejjeż li l-mekkaniżmu huwa intiż sabiex jikkumpensa għalihom kienu ġew sostnuti qabel l-adozzjoni ta' dan il-mekkaniżmu, sakemm, ladarba tiġi adottata, il-kontribuzzjoni straordinarja stabbilita tosserva l-prinċipju ta' trasparenza. Jiena tal-fehma li dan huwa l-każ f'din il-kawża.

51. Fil-fatt, il-prinċipju ta' trasparenza li jirreferi għalih l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2002/22, għalkemm ma huwiex iddefinit b'mod ċar, huwa ppreċiżat fl-Artikolu 14 ta' din id-direttiva. Għalhekk, il-prinċipju ta' trasparenza jimplika li r-regoli ta' tqassim tal-ispejjeż marbuta mas-servizz universali u d-dettalji dwar mekkaniżmu ta' tqassim ta' dawn l-ispejjeż għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Barra minn hekk, fil-każ fejn mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż ikun ġie stabbilit u jiffunzjona b'mod effettiv, huwa previst ukoll li għandu jiġi ppubblikat rapport annwali li jindika l-ispiża tal-obbligi ta' servizz universali, il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-operaturi kkonċernati, u li jindika l-benefiċċji tas-suq li jibbenefika minnhom il-fornitur tas-servizz universali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-prinċipju ta' trasparenza jkopri essenzjalment obbligu ta' pubblikazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-elementi relatati mal-istabbiliment u l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż marbuta mas-servizz universali.

12 Sentenza tad-29 ta' Ġunju 1999, Butterfly Music (C-60/98, EU:C:1999:333, punt 25).

52. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan ir-rekwiżit ta' pubblikazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-informazzjoni dwar il-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż tas-servizz universali huwa intiż sabiex "l-operaturi [li jikkontribwixxu għalih] [i]kunu jistgħu jikkalkolaw l-ispejjeż u d-dħul probabbli tagħhom"[13].

53. F'dan ir-rigward, għandi nippreċiża li, madankollu, tali rekwiżit ma jistax jimplika li l-operaturi li għandhom jikkontribwixxu jistgħu jipprevedu b'ċertezza u bi preċiżjoni l-ammont tal-kontribuzzjoni tagħhom. Fil-fatt, sa fejn l-ammonti eżatti tal-ispejjeż netti marbuta mas-servizz universali ma jistgħux ikunu magħrufa qabel il-kalkolu tagħhom mill-awtorità regolatorja, l-ammonti eżatti tal-kontribuzzjoni lanqas ma jistgħu jiġu antiċipati bi preċiżjoni. Għaldaqstant, huwa biżżejjed li l-modalitajiet ta' funzjonament tal-mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż netti marbuta mas-servizz universali jkunu magħrufa mill-operaturi sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' trasparenza. Fil-fatt, is-sempliċi għarfien ta' dawn il-modalitajiet jippermettilhom jiddeterminaw, b'mod raġonevoli u probabbli, iżda mhux ċert, il-portata tal-kontribuzzjoni li huma obbligati jagħtu.

54. Issa, ninnota li l-Liġi Nru 35/2012 ma tipprevedix biss il-ħolqien tal-kontribuzzjoni straordinarja, iżda tispeċifika wkoll il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, din il-liġi tippreċiża l-kundizzjonijiet tal-bidu tagħha[14], is-snin finanzjarji li fihom għandha titħallas[15], l-ispejjeż li hija intiża li tikkumpensa għalihom, kif ukoll il-limiti massimi tal-ammont tagħha[16]. Barra minn hekk, l-imsemmija liġi tippreċiża r-rwol eżatt tal-Anacom fid-determinazzjoni tal-kontributuri u tal-ammont tal-kontribuzzjoni straordinarja, kif ukoll il-modalitajiet ta' ħlas li l-operaturi għandhom josservaw[17].

55. Għalhekk, jiena tal-fehma li l-kontribuzzjoni straordinarja stabbilita mir-Repubblika Portugiża permezz tal-Liġi Nru 35/2012 hija konformi mal-prinċipju ta' trasparenza minħabba li dan l-Istat Membru jinforma lill-pubbliku dwar il-prinċipji relatati mat-tqassim tal-ispejjeż marbuta mas-servizz universali u dwar id-dettalji neċessarji fir-rigward tal-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' tqassim. Barra minn hekk, dawn l-elementi ċertament jippermettu lill-operaturi li għandhom jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw, sa mill-ħolqien tal-mekkaniżmu ta' tqassim matul is-sena 2012, il-portata tal-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-kontribuzzjoni straordinarja li għandhom iħallsu għas-snin 2013, 2014 u 2015.

56. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni mir-Repubblika Portugiża tal-kontribuzzjoni straordinarja prevista mil-Liġi Nru 35/2012 ma tistax tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' trasparenza.

B. Fuq il-prinċipji ta' distorsjoni minima tas-suq u ta' proporzjonalità

1. L-argumentazzjoni tal-partijiet

57. Il-Kummissjoni tqis li l-mekkaniżmu ta' kumpens previst mil-Liġi Nru 35/2012 ma jistax jiġi kkunsidrat bħala kompatibbli mal-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq. L-ewwel nett, ikun impossibbli għall-operaturi sabiex jipprevedu dawn l-ispejjeż u sabiex jeħduhom inkunsiderazzjoni fl-attività tagħhom relatata mas-snin li għalihom qegħdin jintalbu dawn l-ispejjeż. Fit-tieni lok, l-ammonti li għandhom jiġu ffinanzjati huma sinjifikattivi sa fejn il-kontribuzzjoni straordinarja

13 Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-146/00, EU:C:2001:668, punti 48 u 49). Din il-preċiżazzjoni ċertament ingħatat fid-dawl tad-Direttiva 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 fuq l-interkonnessjoni fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet sabiex jiġi żgurat servizz universali u l-interoperabbiltà permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' provvista ta' netwerk miftuħ (ONP) (ĠU 1997, L 199, p. 32), li ġiet imħassra bid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva 'qafas') (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), iżda jidhirli li tibqa' rilevanti fir-rigward tas-servizz universali kif irregolat mid-Direttiva 2002/22.

14 L-Artikolu 17 tal-Liġi Nru 35/2012.

15 L-Artikolu 18(1) tal-Liġi Nru 35/2012.

16 L-Artikolu 18(5) u (6) tal-Liġi Nru 35/2012.

17 L-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Liġi Nru 35/2012.

tirrappreżenta 3 % tad-dħul mill-bejgħ eliġibbli ta' kull operatur u għal kull waħda mis-snin inkwistjoni u tiżdied mal-kontribuzzjoni normalment dovuta għall-finanzjament tal-ispejjeż netti tas-servizz universali sostnuti mill-operaturi magħżula fil-proċedura ta' sejħa għal offerti. Fit-tielet lok, il-kontribuzzjoni straordinarja tqiegħed piż ikbar minn dak li jkun normalment mistenni jekk il-kontribuzzjoni annwali tieħu inkunsiderazzjoni l-ispiża netta sostnuta fil-kuntest tal-provvista tas-servizz universali matul l-istess perijodu, sa fejn l-effett fuq id-dħul mill-bejgħ kien ikun tnaqqas b'mod sinjifikattiv u kien ikun jippermetti lill-operaturi jqassmu l-piż finanzjarju fuq perijodu itwal.

58. Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan ma huwiex osservat minħabba li l-operaturi għandhom jikkontribwixxu għall-kumpens għall-ispejjeż netti tal-impriżi magħżula fi tmiem il-proċedura ta' sejħa għal offerti u, fl-istess ħin, iħallsu l-kontribuzzjoni straordinarja. Dan l-obbligu jwassal għal "kontribuzzjoni doppja" jew, tal-inqas, għal żieda fl-ispejjeż finanzjarji li l-operaturi għandhom isostnu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni enfasizzat, waqt is-seduta, li l-ammonti tal-kontribuzzjoni straordinarja kienu sinjifikattivi meta mqabbla, partikolarment, mal-ammont tal-kontribuzzjoni għall-istess perijodu fi Spanja.

59. Fir-rigward tal-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq, ir-Repubblika Portugiża ssostni li dan, spjegat fil-premessa 23 tad-Direttiva 2002/22, jirrigwarda qabel kollox il-mod kif isir it-tqassim tal-ispiża sostnuta mill-forniturі tas-servizz universali sabiex jiġi mminimizzat l-impatt finanzjarju fuq l-utenti finali. Issa, il-Kummissjoni ma tressaq l-ebda element li jippermetti li jiġi konkluż li l-impatt finanzjarju fuq l-utenti ma ġiex imminimizzat. Barra minn hekk, l-allegata imprevedibbiltà tal-ispejjeż għall-operaturi li tinvoka l-Kummissjoni ma taqax fil-qasam tal-prinċipju tad-distorsjoni minima tas-suq.

60. Iktar minn hekk, ir-Repubblika Portugiża tikkontesta n-natura sinjifikattiva tal-ammonti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-kontribuzzjoni straordinarja. Il-limitu ta' 3 % tad-dħul mill-bejgħ jikkostitwixxi l-limitu massimu tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet, minħabba li dan l-ammont huwa wkoll suġġett għal limiti oħrajn. B'mod partikolari, l-ammont tal-ispejjeż netti li għandhom jiġu kkumpensati fi kwalunkwe każ jikkorrispondi għall-ammont li għandu jiġi approvat mill-Anacom. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni straordinarja, intiża sabiex tirrimborsa l-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali, tinqasam fuq erba' snin u l-valur li jikkorrispondi għal kull sena jista' jitħallas matul perijodu ta' ħames snin.

61. Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Repubblika Portugiża ssostni li, sa fejn din il-kontribuzzjoni straordinarja, minn naħa waħda, għandha l-għan li timminimizza kemm jista' jkun l-indħil fis-settur, bi tqassim tal-iktar kumpens wiesa' possibbli u, min-naħa l-oħra, tikkonsisti għalhekk f'bilanċ ekwu tal-ispejjeż u tal-benefiċċji fir-rigward tal-għan imfittex, dan il-prinċipju huwa osservat bis-sħiħ minħabba li l-imsemmija kontribuzzjoni tikkostitwixxi mezz adegwat sabiex jintlaħaq l-għan tal-kumpens neċessarju għall-ispejjeż netti relatati mas-servizz universali. Fir-rigward tal-argument imressaq mill-Kummissjoni matul is-seduta, li jgħid li l-ammonti tal-istess kontribuzzjoni huma sinjifikattivi, ir-Repubblika Portugiża żżid li l-Kummissjoni ma tistax tikkontesta dawn l-ammonti mingħajr ma tikkontesta l-metodu ta' kalkolu tal-ispejjeż netti kif imwettaq mill-Anacom.

2. Evalwazzjoni

62. Qabel kollox, għandi ninnota li l-argument imressaq mill-Kummissjoni, li jgħid li l-operaturi ma kinux f'pożizzjoni li jipprevedu l-ispejjeż netti li kellhom ikunu s-suġġett ta' kumpens, ma jidhirlix li huwa rilevanti fir-rigward tad-determinazzjoni ta' jekk il-mekkaniżmu stabbilit mir-Repubblika Portugiża huwiex konformi mal-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq.

63. Fil-fatt, dan il-prinċipju huwa spjegat fil-premessa 23 tad-Direttiva 2002/22, li tgħid li "[l-]anqas distorsjoni tas-suq tfisser li l-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu rkuprati b'mod li sa fejn hu possibbli jimminimizza l-impatt li l-piż finanzjarju [jimminimizza l-impatt tal-piż finanzjarju] li jaqa' fuq l-utenti finali, per eżempju billi jitqassmu l-kontribuzzjonijiet fl-aktar firxa wiesa' possibbli". Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk l-operaturi kinux f'pożizzjoni li jieħdu inkunsiderazzjoni l-kontribuzzjoni straordinarja fl-attività tagħhom hija irrilevanti fir-rigward tal-istabbiliment tal-effett tal-piż finanzjarju li jirriżulta minn din il-kontribuzzjoni u li jaqa' fuq l-utenti finali.

64. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tressaq argumenti oħrajn dwar, minn naħa waħda, id-daqs tal-ammonti inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' "kontribuzzjoni doppja" sa fejn, mis-sena 2013, l-operaturi kellhom kemm jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ispejjeż marbuta mas-servizz universali għall-perijodu ta' wara s-sejħa għal offerti, kif ukoll iħallsu l-kontribuzzjoni straordinarja għall-ispejjeż sostnuti minn PTC qabel is-sejħa għal offerti. Dawn l-elementi juru, minn naħa waħda, ksur tal-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq u, min-naħa l-oħra, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

65. Għalkemm dawn l-argumenti jidhirli li ċertament huma iktar rilevanti minn dak dwar il-prevedibbiltà tal-ispejjeż, ma naħsibx li huma suffiċjenti sabiex juru li nkisru kemm il-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

66. Fir-rigward tad-daqs tal-ammonti tal-kontribuzzjoni straordinarja, huwa veru li l-Artikolu 18(5) tal-Liġi Nru 35/2012 jipprevedi li dawn jirrappreżentaw 3 % tad-dħul mill-bejgħ annwali eliġibbli ta' kull entità mitluba sabiex tikkontribwixxi. Madankollu, l-Artikolu 18(6) ta' din il-liġi jipprevedi wkoll li l-ammont ta' din il-kontribuzzjoni li kull impriża għandha tħallas qatt ma jista' jaqbeż il-valur li jirriżulta mit-tqassim tal-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali u kkunsidrati bħala eċċessivi mill-Anacom.

67. L-ammont tal-kontribuzzjoni straordinarja, għalkemm jista' jilħaq 3 % tad-dħul mill-bejgħ annwali eliġibbli tal-kumpanniji li jikkontribwixxu, għandu dejjem jikkorrispondi għall-ammont tal-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali, kif approvat mill-Anacom.

68. Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni la tikkontesta l-metodu ta' kalkolu tal-ispejjeż netti implimentat mill-Anacom u lanqas ir-riżultat li din waslet għalih fid-deċiżjonijiet relatati mas-snin 2012, 2013 u 2014. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tikkontestax l-ammonti tal-ispejjeż netti li l-kontribuzzjoni straordinarja hija intiża sabiex tikkumpensa għalihom, li din tal-aħħar għandha tikkorrispondi eżattament għalihom.

69. Għalhekk, is-sempliċi fatt li l-ammonti ta' din il-kontribuzzjoni huma sinjifikattivi ma jippermettix li jintwera li din hija, fiha nnifisha, sproporzjonata jew li ma tosservax il-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq. Minħabba li l-imsemmija kontribuzzjoni tikkorrispondi preċiżament għall-ammont tal-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali, li l-kalkolu tiegħu ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni, jidhirli li hija limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' kumpens għall-ispejjeż marbuta mas-servizz universali li huwa xieraq sabiex jitnaqqas għall-minimu l-effett tal-piż finanzjarju.

70. Fir-rigward tal-eżistenza ta' kontribuzzjoni doppja li tiġi imposta fuq l-operaturi li għandhom jikkontribwixxu kemm għall-finanzjament tal-ispejjeż wara s-sejħa għal offerti, iżda anki għall-finanzjament tal-ispejjeż sostnuti minn PTC meta din tal-aħħar kienet il-fornitur uniku tas-servizz universali, tali eżistenza timplika, kif tinnota l-Kummissjoni, żieda fil-piżijiet finanzjarji imposti fuq l-operaturi. Tali żieda tirriżulta wkoll mill-fatt li l-operaturi huma obbligati jikkumpensaw għall-ispejjeż netti ta' diversi snin fuq perijodu ta' sena waħda [18].

18 Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

71. Madankollu, ma naħsibx li tali element jista', waħdu, jikkaratterizza ksur tal-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq jew tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Qabel kollox, kontribuzzjoni intiża sabiex tikkumpensa għall-ispejjeż sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali dejjem timplika, għall-operaturi li huma obbligati jagħmlu dan, piż finanzjarju ikbar milli fl-assenza ta' tali kumpens. Minħabba li tali żieda fil-piż finanzjarju impost fuq l-operaturi li għandhom iħallsu l-kontribuzzjoni hija inerenti għall-mekkaniżmu stess ta' kumpens għall-ispejjeż marbuta mal-provvista tas-servizz universali, dan is-sempliċi element ma jidhirlix li huwa suffiċjenti sabiex jikkaratterizza l-ksur tal-prinċipji ta' distorsjoni minima tas-suq u ta' proporzjonalità.

72. Sussegwentement, sa fejn l-ammont tal-kontribuzzjoni straordinarja jikkorrispondi eżattament għall-ammont tal-ispejjeż sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmi ammont huwa limitat għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' kumpens għall-ispejjeż netti marbuta mas-servizz universali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma naħsibx li jista' jiġi kkunsidrat li din il-kontribuzzjoni twassal, għall-operaturi li huma suġġetti għaliha, għal piż finanzjarju sproporzjonat, u dan anki jekk l-imsemmija kontribuzzjoni tkun relatata ma' diversi snin finanzjarji jew timplika kontribuzzjoni doppja.

73. Barra minn hekk, kif issostni r-Repubblika Portugiża, l-operaturi li għandhom iħallsu l-kontribuzzjoni straordinarja għandhom faċilitajiet ta' ħlas ta' din tal-aħħar. B'mod iktar preċiż, mill-Artikolu 20(4) tal-Liġi Nru 35/2012 jirriżulta li l-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni jista', għal kull sena, jinfirex fuq perijodu ta' ħames snin. Għalhekk, tali possibbiltà tippermetti lill-operaturi sabiex jaġġustaw il-piż finanzjarju li għandhom isostnu għall-ħlas tal-imsemmija kontribuzzjoni, b'tali mod li jitnaqqas kemm jista' jkun l-effett tagħha. B'dan il-mod, jidhirli li tali aġġustament jiżgura, minn naħa waħda, riperkussjoni minima tal-piż finanzjarju li għandu jiġi sostnut fuq l-utenti finali u, min-naħa l-oħra, u b'mod iktar ġenerali, il-proporzjonalità tal-istess kontribuzzjoni.

74. Fl-aħħar nett, kif issostni r-Repubblika Portugiża, it-tnaqqis għall-minimu tal-effett tal-piż finanzjarju sostnut mill-utenti finali u l-proporzjonalità tal-kontribuzzjoni straordinarja jirriżultaw ukoll mill-fatt li l-operaturi li għandhom iħallsu din il-kontribuzzjoni huma dawk kollha li d-dħul mill-bejgħ tagħhom huwa ogħla minn 1 % tad-dħul mill-bejgħ annwali tas-settur, inkluż il-fornitur tas-servizz universali. Għalhekk, it-tqassim tal-imsemmija kontribuzzjoni bejn l-operaturi jidher wiesa' kemm jista' jkun u adattat sabiex jimminimizza l-effett tagħha fuq l-utenti finali.

75. Fi kwalunkwe każ, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni timplika li mekkaniżmu ta' tqassim tal-ispejjeż marbuta mas-servizz universali jista' jiġi implimentat biss sa fejn il-kontribuzzjonijiet tal-operaturi huma kkalkolati skont l-ispejjeż li jkunu ġew sostnuti mill-fornitur tas-servizz universali matul sena waħda.

76. Madankollu, għandi ninnota li fit-test tad-Direttiva 2002/22 ma hemm xejn li jobbliga lill-Istati Membri jagħżlu kumpens fuq bażi annwali. Issa, mis-silenzju tal-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistgħux jiġu dedotti modalitajiet preċiżi għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kumpens għall-ispejjeż tas-servizz universali. Minħabba li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jimponi tali kundizzjonijiet, ma naħsibx li mekkaniżmu ta' kumpens għall-ispejjeż marbuta mas-servizz universali, għas-sempliċi raġuni li ma jiffunzjonax fuq bażi annwali, jista' jitqies li huwa sproporzjonat jew li ma josservax il-prinċipju ta' distorsjoni minima tas-suq.

77. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li l-implimentazzjoni mir-Repubblika Portugiża tal-kontribuzzjoni straordinarja prevista mil-Liġi Nru 35/2012 ma tikkostitwixxix ksur tal-prinċipji ta' distorsjoni minima tas-suq u ta' proporzjonalità.

C. Fuq il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni

1. L-argumentazzjoni tal-partijiet

78. Skont il-Kummissjoni, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi li jittieħed inkunsiderazzjoni biss id-dħul mill-bejgħ tal-operaturi li kienu preżenti fis-suq fil-mument meta ġew sostnuti l-ispejjeż netti. Madankollu, il-Liġi Nru 35/2012 tapplika għall-operaturi kollha preżenti fis-suq bejn l-2013 u l-2015, jiġifieri għall-operaturi li ma kinux preżenti fis-suq bejn is-snin 2007 u 2012. Barra minn hekk, dawn l-operaturi huma suġġetti għall-obbligu li jikkontribwixxu permezz tad-dħul irreġistrat tagħhom matul is-snin finanzjarji li ma humiex dawk li fihom ġew sostnuti l-ispejjeż netti u, għalhekk, huma s-suġġett ta' diskriminazzjoni.

79. Qabel kollox, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-argument tal-Kummissjoni, li jgħid li huma biss l-operaturi preżenti fis-suq fil-mument meta ġew sostnuti l-ispejjeż li għandhom jikkontribwixxu fil-fond ta' kumpens, fuq il-bażi tad-dħul mill-bejgħ marbut mas-sena li fiha ġew sostnuti l-ispejjeż, iwassal sabiex jiffavorixxi lill-operaturi li fuqhom ma ġewx imposti l-ispejjeż tas-servizz universali u jimplika diskriminazzjoni kontra l-fornitur tas-servizz universali.

80. Sussegwentement, ir-Repubblika Portugiża ssostni li, għalkemm l-istruttura tas-suq kienet differenti matul is-snin 2013 u 2007, dan ma jfissirx li l-operaturi preżenti fis-suq matul is-sena 2013 ma kinux diġà preżenti preċedentement. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Portugiża tiddefendi l-argument li jgħid li l-kunċett ta' "impriża" għandu jingħata interpretazzjoni funzjonali, li tippermetti li jinqabżu l-modifiki relatati mal-istruttura interna tal-operaturi meta jkun hemm unità ekonomika jew kontroll ekonomiku bejniethom.

81. Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-argument tal-Kummissjoni ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li l-modalitajiet ta' kalkolu tal-ispejjeż netti huma proċedura twila u kumplessa, li tinbeda biss fuq talba tal-fornitur ta' servizz universali, b'tali mod li diskrepanza bejn il-perijodu li fih ġew sostnuti l-ispejjeż netti u l-perijodu li fih dawn għandhom jiġu kkumpensati ma tistax tkun is-sinjal ta' diskriminazzjoni.

2. Evalwazzjoni

82. Skont il-Kummissjoni, l-allegat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Liġi Nru 35/2012 u mill-kontribuzzjoni straordinarja tal-impriżi li ma kinux preżenti fis-suq fil-mument meta ġew sostnuti l-ispejjeż marbuta mas-servizz universali li huma s-suġġett ta' kumpens.

83. Infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, diskriminazzjoni tista' tikkonsisti biss fl-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli jew fl-applikazzjoni tal-istess regola għal sitwazzjonijiet differenti[19]. Għalhekk, fit-teorija, l-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni straordinarja għal kumpanniji li ma kinux preżenti fis-suq fil-mument meta ġew sostnuti l-ispejjeż koperti mill-kumpens tista' timplika diskriminazzjoni.

84. Madankollu, ma naħsibx li dan huwa l-każ f'din il-kawża. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, jiena tal-fehma li l-bidliet li seħħew fis-suq tal-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet bejn is-snin-2007 u 2012 ma kinux jinvolvu l-introduzzjoni fis-suq ta' kumpanniji *ġodda* li jistgħu jitqiesu bħala li ma kinux preżenti meta ġew sostnuti l-ispejjeż marbuta mas-servizz universali u li huma s-suġġett tal-kontribuzzjoni straordinarja, u dan għar-raġunijiet li ġejjin.

19 Sentenzi tat-13 ta' Novembru 1984, Racke (283/83, EU:C:1984:344, punt 7); tat-2 ta' April 2009, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni (C-431/07 P, EU:C:2009:223, punt 114), kif ukoll tad-19 ta' Novembru 2015, Hirvonen (C-632/13, EU:C:2015:765, punt 30).

85. L-ewwel nett, kemm mir-risposta tar-Repubblika Portugiża kif ukoll mill-osservazzjonijiet ifformulati mill-Kummissjoni waqt is-seduta jirriżulta li r-ristrutturazzjonijiet li seħħew fis-suq tal-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet kienu jikkonsistu f'ristrutturazzjonijiet intra u intergruppi. Il-kumpanniji *ġodda* msemmija mill-Kummissjoni fil-verità rriżultaw minn amalgamazzjonijiet bejn kumpanniji li kienu diġà joperaw f'dan is-suq.

86. Issa, il-kumpanniji li jirriżultaw minn dawn l-amalgamazzjonijiet jiżguraw il-kontinwità ġuridika tad-drittijiet u tal-obbligi tal-kumpanniji li huma s-suġġett tal-imsemmija amalgamazzjonijiet. Fil-fatt, dawn it-tranżazzjonijiet ta' amalgamazzjoni jittrasferixxu l-patrimonju ta' dawn l-aħħar kumpanniji, jiġifieri l-attiv u l-passiv kollu. B'mod iktar ġenerali, tali tranżazzjoni ma tistax tillimita d-drittijiet u l-obbligi tal-kumpannija li hija s-suġġett tal-amalgamazzjoni fil-mument meta din l-amalgamazzjoni sseħħ, minħabba li dawn id-drittijiet u l-obbligi għandhom jinbidlu skont iċ-ċirkustanzi ekonomiċi, kif ukoll ġuridiċi.

87. F'dan il-kuntest, l-unika kwistjoni li tqum hija dik dwar jekk huwiex inkluż fost il-passiv ittrasferit l-obbligu ta' kontribuzzjoni straordinarja previst mil-Liġi Nru 35/2012, li kien ikun impost fuq l-kumpanniji li huma s-suġġett tal-imsemmija amalgamazzjonijiet fl-assenza ta' ristrutturazzjonijiet.

88. Jiena tal-fehma li dan huwa l-każ. Fil-fatt, l-ebda raġuni ma tiġġustifika l-esklużjoni mill-passiv tal-obbligu ta' kontribuzzjoni għall-kumpens għall-ispejjeż marbuta mas-servizz universali. Il-konsegwenza ta' tali esklużjoni tkun li kwalunkwe tranżazzjoni ta' ristrutturazzjoni tippermetti lil kumpannija tevita l-obbligu ta' kontribuzzjoni tagħha fil-fond ta' kumpens għall-ispejjeż marbuta mas-servizz universali u, għalhekk, tostakola l-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/22. F'dan il-każ, ristrutturazzjoni sseħħ bħala kawża tat-tmiem tal-obbligi ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament tas-servizz universali u tista' wkoll tintervjeni biss għal dan il-għan.

89. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-ristrutturazzjonijiet li seħħew fis-suq tal-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu li ostakolaw l-introduzzjoni fis-suq ta' kumpanniji *ġodda* li ma kinux ikunu suġġetti għall-ħlas tal-kontribuzzjoni straordinarja fl-assenza ta' dawn ir-ristrutturazzjonijiet u li jsofru diskriminazzjoni minħabba l-obbligu ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament tas-servizz universali.

90. It-tieni nett, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni waqt is-seduta, il-bidliet fl-azzjonisti jew fl-akkwisti ta' ishma ta' investituri ġodda li jippermettulhom jidħlu fil-kapital tal-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet ma jistgħux ikunu biżżejjed sabiex dawn il-kumpanniji jiġu kkunsidrati bħala *ġodda* fis-suq. Għal darba oħra, tali soluzzjoni timplika li kwalunkwe bidla fil-kapital ta' kumpannija tkun kawża tat-tmiem tal-obbligi tal-kumpanniji u, għalhekk, tippermetti li tiġi ostakolata l-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/22.

91. Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argument tal-Kummissjoni fformulat waqt is-seduta, li jgħid li kull deċiżjoni ta' investiment hija bbażata fuq is-sitwazzjoni tal-kumpannija fil-mument meta jseħħ l-investiment. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis, fir-rigward tal-investimenti li jipprečedu l-Liġi Nru 35/2012, li ma kienx possibbli għall-investituri li jipprevedu l-obbligu li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ispejjeż tas-servizz universali għall-perijodu mill-2007 sa 2012. Minn naħa waħda, ninnota li l-possibbiltà ta' mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-ispejjeż tas-servizz universali kienet teżisti wara l-adozzjoni tal-Liġi Nru 5/2004 u, għalhekk, ma setgħetx tiġi injorata mill-operaturi. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, dan l-argument, jekk kien fondat, *quod non*, ma jikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fil-konfront tal-kumpanniji inkwistjoni, iżda ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-investituri li, barra minn hekk, ma ġiex invokat mill-Kummissjoni.

92. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li l-implimentazzjoni mir-Repubblika Portugiża tal-kontribuzzjoni straordinarja prevista mil-Liġi Nru 35/2012 ma tikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

V. Konklużjoni

93. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad dan ir-rikors. Konformement mal-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż.